*Kunsill Lokali Ħamrun*
*Triq id-Duka ta' Edinburgh*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Il-Viċi Sindku kiteb lill-Kunsill fejn talab sabiex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' safar filwaqt li s-Sinjura J. Bugeja kitbet fejn talbet sabiex tiġi skużata minħabba mpenji oħra.

Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li kienet marida.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skuzati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u disgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. <u>Punti li joħorġu mill-Minuti</u>

*4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill ssotomettiet risposta għal-appel li saret mill-kumpanija Electrical & Mechanical Manufacturers Ltd rigward il-kuntratt *'Installation of Electrical, Mechanical and Fire Safety Services at Car Park'*. Issa jonqos li l-Kunsill jissejjaħ quddiem ir-*Review Board*.

Fis-5.40pm s-Sur Mario Caruana daħal għal-laqgħa.

*4.2 Armar ta' dawl għall-Milied*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li l-ittra ntbagħtet lis-Sur Azzopardi. Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sur Azzopardi u dan minn naħa tiegħu qal li m'għandux flus ta' ħwienet għandu, iżda kien għad fadallu jdur xi ħwienet li kienu wiegħdu li ser jikkontribwixxu. Is-Sur C. Valletta tenna li s-Sur Arthur Azzopardi qatt ma kien membru tas-Sotto Kumitat tal-Qasam Kummerċjali. Ġie deċiż li s-Sindku għandu jitlob lis-Sur Azzopardi biex jinforma lill-Kunsill bil-miktub dwar il-ħwienet li kienu wiegħdu li ser jikkontribwixxu u li fl-aħħar bidlu l-ħsieb.

*4.3 Latrina Pubblika*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li bħalissa qed tinfetaħ biss latrina waħda kif iddeċieda l-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

*4.4 Tappieri tal-ħofor ral-festi*

Il-Kunsill iddeċieda li għalkemm japprova li jipprovdi u jwaħħal tappieri għal-ħofor tal-festi, l-Għaqdiet konċernati għandhom jinżammu responsabbli għal-manutenzjoni tagħhom.

*4.5 Bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta kienet qed tbiddel partijiet mill-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex issir il-*Bus Intersection*. Il-Kunsil iddeċieda li l-bankini ġodda għandhom isiru tal-konkos bil-forma tal-madum eżistenti.

*4.6 Attivita' Karnival 2011*

Is-Sindku spjega l-andament tal-Karnival. Is-Sur C. Valletta staqsa għaliex l-attivita' tal-Karnival ġiet reklamata bhala Karnival Spontanju meta l-Kunsill ma kienx laqa' l-proposta tiegħu biex din tkun hekk. Huwa spjega li din l-idea issa tista ttieħed minn lokalitajiet oħra. Is-Sur C. Valletta tenna li l-isfilata kompluta ma saritx kif kien ġie miftiehem u talab li jiġi verifikat jekk kienx hemm żewġ settijiet ta' Maskaruni. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lid-Direttur tal-kumpanija John Abela Ltd talli għoġbu jipprovdi trasport għall-Maskaruni mingħajr ħlas kif ukoll lis-Sur Alfred Cacciattolo li provda *refreshments* għal-parteċipanti minghħajr ħlas.

*4.7 Żvilupp Carpineto Romano*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm intbgħatu żewġ *emails* lis-Sindku ta' Carpineto Romano, sallum ma waslet l-ebda risposta. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar jaf li bejn il-15 u l-21 ta' Frar 2011 il-Comune di Carpineto Romano kellu skambju taż-żgħażagħ ma' żgħażagħ mill-Ħamrun u li dan l-iskambju ġie riklamat li ser isir flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun. Filfatt fuq il-poster tal-attivita' tpoġġiet l-arma tal-Kunsill Lokali Ħamrun. Peress li l-ativita' saret taħt il-patroċinju tal-Consiglio Regionale del Lazio, ġie deċiż li tintbagħtilhom *email* biex jintalbu jispjegaw kif l-attivita' ġiet riklamata li saret bil-kolaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħamrun minkejja li l-istess Kunsill ma kienx infurmat b'dan.

Fis-6.37pm Dr. J Abela ġie skużat mil-laqgħa.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħtaw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-18 ta' Frar u s-17 ta' Marzu 2011.

*5.1 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' Finanzjament għall-Enerġija Nadifa*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ġie magħżul biex jingħata fondi għall-iskema ta' Enerġija Nadifa. Nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2011 ser issir attivita' biex fiha jiġu preżentati l-ittra u l-Ftehim tal-Aċċettazzjoni.

*5.2 Europe Direct - Interreg*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li ħarġet sejħa oħra Interreg rigward Innovation and the *Knowledge Economy* u *Environment and Risk Prevention*.

*5.3 Transport Malta - Communal Un/loading Bay fi Triq Mountbatten*

Transport Malta approvat li ssir *Communal Timed Un/loading Bay* fi Triq Mountbatten viċin il-kantuniera ma' Triq Schembri.

*5.4 Transport Malta – Continous Iron Barriers fi Triq Kanonku Bonnici*

Transport Malta approvat li titwaħħal *Continous Iron Barrier* fi Triq Kanonku Bonnici quddiem il-grada tal-Kappella tal-iskola Immaculate Conception.

*5.5 Transport Malta – Double Yellow Lines fi Triq Joseph Abela Scolaro*

Transport Malta approvat li jsiru '*Double Yellow Lines'* tul ta' metru mal-genb tal-garaxx numru 7 fi Triq Joseph Abela Scolaro.

*5.6 Transport Malta – Traffic Mirror fi Triq Villambrosa*

Transport Malta approvat li ssir *Traffic Mirror* fi Triq Villambrosa faċċata tal-grada tal-Istitut ta' Fra Diegu.

*5.7 Transport Malta - Communal Blue Sticker Badge Holder Parking Bay*

Transport Malta approvat li ssir *Communal Parking Bay for Blue Sticker Badge Holders* fil-parking bay l-aktar qrib il-knisja tal-Kunċizzjoni fi Triq Manwel Magri.

*5.8 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Laqgħa dwar Politika Nazzjonali għal-Ambjent u Kultura Lokali*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jorganizza laqgħa dwar il-Politika Nazzjonali għall-Ambjent u l-Kultura Lokali nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2011 bejn id-9.30am u l-11.00am fil-Kunsill Lokali Qormi. Is-Sindku u s-Sur C. Valletta ser jattendu għal-laqgħa.

*5.9 St. Thomas Moore Boys Junior Lyceum - Bollard*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Kap tal-Liċeo tas-Subien St. Thomas Moore sabiex il-*bollard* li hemm fl-isqaq bejn Triq Joseph Abela Scolaro u Triq Wenzinu Mifsud Bonnici jitneħħa temporanjament bejn is-1.45pm u s-2.30pm sabiex minnu jgħaddu vetturi żgħar. Dan sabiex titnaqqas il-konfużjoni li jkun hemm fis-2.00pm. L-iskola tieħu ħsieb tpoġġi u tneħħi l-*bollard*. Il-Kunsill iddeċieda li japprova s-suġġeriment tal-Kap tal-Liċeo.

*5.10 Reġjun Nofsinhar – Konsulent Legali*

Il-Kunsilli membri tar-Reġjun Nofsinhar intalbu biex iħallsu €125.00 kull wieħed biex ir-Reġjun ikollu flus sabiex iqabbad Konsulent legali. Il-Kunsill approva unanimament li jsir dan il-ħlas.

*5.11 Triq Roger Debattista*

Il-Kunsill ġie nfurmat li twaħħlu tabelli '*No Entry except residents or to render service'* fi Triq Roger Debattista bejn Triq Oscar Zammit u Triq Villambrosa. Ġie deċiż li sakemm jibdew xi xogħolijiet ta' tarmac dawn it-tabelli ma jiġux infurzati.

*5.12 TCTC – Korsijiet ETFAL*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jorganizzaw korsijiet ETFAL fil-lokalitajiet flimkien mal-kumpanija TCTC. Il-Kunsill iddeċieda li din is-sena jerġa' jorganizza l-korsijiet mal-kumpanija MICS wara s-suċċess tas-sena l-oħra.

*5.13 Ciantar Associates – Triq Villambrosa*

Il-Contracts Manager tal-Kunsill issuġerixxa li ssir *survey* tal-parti ta' Triq Villambrosa ħdejn l-Istitut ta' Fra Diegu biex jinġabru livelli u tiġi *resurfaced* din il-parti tat-triq mat-Tender li ser joħroġ il-Kunsill tar-*resurfacing*. Dan sabiex tiġi eliminata l-problema tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel li jsir *survey* u *resurfacing* ta' din il-parti ta' Triq Villambrosa.

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill iqabbad lill-Ingineer Cremona biex isir pjan għal ġbir tal-ilma tax-xita fil-Ħamrun. Is-Sindku spjega li l-Gvern kien qed iħejji *Master Plan* f'dan ir-rigward.

*5.14 Sur Joseph Mallia – Ċaqliq ta' bozza*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Mallia sabiex bozza li hemm fi Triq il-Birrerija titressaq ftit biex tipprovdi aktar dawl għar-residenti fit-triq. Il-Kunsill approva li titressaq il-bozza.

*5.15 Awtorita' tad-Djar – Skema Nsaħħu l-Komunita' , Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-binjiet tal-Gvern*

Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet proposti mill-Kunsill għar-rijabilitazzjoni ta' Ġnien Anton Buttiġieġ u tqegħid ta' passaġġi fil-ħamrija fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat ġie approvat għas-sena 2013.

*5.16 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq San Franġisk*

Transport Malta approvat li ssir '*Single Yellow Line'* faċċata tal-garaxx numru 8 fi Triq San Franġisk għat-tul tal-garaxx.

*5.17 Alamango – Railing fi Triq Miggiani*

Il-Kunsill approva li jonfoq sa €554.60 għal-*railing* biex jitwaħħal ħdejn it-taraġ u rampa fi Triq Miggiani. Id-differenza biex isir tal-metal galvanizzat u *spray* ser tinħareġ mis-Sur Philip Alamango.

*5.18 Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħofor u għotjin għall-armar tal-Festa*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp sabiex jitneħħew xi ħofor eżistenti u jsiru erbgħa oħra quddiem il-Każin. Il-Kunsill approva li jsiru t-toqob u l-għotjin iżda l-Għaqda għandha tiġi nfurmata li hija ser tkun responsabbli għall-manutenzjoni tagħhom.

*5.19 Dr. Nadia Theuma – Proġetti ta' studenti tat-Turiżmu*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur tal-Istitut għat-Turiżmu Vjaġġar u Kultura fl-Universita' ta' Malta fejn proponew li jaħdmu mal-Kunsill fuq xi proġetti relatati mal-qasam turistiku. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tingħata lis-Sur C. Valletta għall-konsiderazzjoni.

*5.20 Sinjura Joanne Caruana – Special Parking Permit*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sinjura Caruana fejn talbet li tinħarġilha *Special Parking Permit* peress li għalkemm hija tgħix il-Ħamrun tuża l-vettura tal-*partner* tagħha li jgħix il-Pieta'. Il-Kunsill approva li jinħareġ *Special Parking Permit*. Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-iSpecial Parkinmg Permit ikollha timbru embosed tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

*5.21 Avv. Mark Attard Montebello – Infurzar dwar permess*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Attard Montebello għan-nom tal-klijent tiegħu s-Sur Noel Pisani fejn talab informazzjoni dwar dati meta nħarġu permessi biex is-Sur Adam Bartolo ħadem fi Triq Dun Nerik Cordina Perez. Il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill kien li jintalab il-permes tal-Kummissarju tad-Data.

*5.22 Transport Malta – Yellow Box quddiem 66, Triq San Gejtanu, Ħamrun*

Transport Malta approvat li titneħħa l-kaxxa l-bajda quddiem garaxx numru 66 fi Triq San Gejtanu u minflok tinżebah kaxxa safra bil-kundizzjoni li l-garaxx ikun markat '*Garage in Use'*.

*5.23 Sinjura Maria Catania – Permess tal-Parking Speċjali*

Is-Sinjura Catania talbet sabiex jinħarġilha permess speċjali biex oħta tkun tista tiġi ddur b'missierha li għandu 86 sena. Il-Kunsill approva li jinħareġ il-Permess tal-Parkeġġ Speċjali.

*5.24 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Sehem il-Parroċċa ta' San Gejtanu biex il-Ħamrun Ikun post ta' attrazzjoni turistika*

Il-Kappillan Parroċċa San Gejtanu bgħat rendikont tax-xogħolijiet li qed isiru kif ukoll proposti biex il-Ħamrun ikun post ta' attrazzjoni turistiku. Is-Sur C. Valletta spjega li din l-informazzjoni kienet intalbet minnu għar-rapport dwar l-iżvilupp sostenibbli.

*5.25 Kulleġġ San Ġorġ Preca – Liċeo 50 Hour Bicycle Marathon 2011*

Il-Kunsill intalab jipprovdi tlett skips sabiex fihom jiġi depożitat l-iskart waqt il-Maratona ta' din is-sena. Il-Kunsill approva li jipprovdi l-iskips.

*5.26 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Festa Ġemellaġġ 2011*

Id-Dipartiment informa lill-Kunsill Lokali li l-Festa Ġemellaġġ 2011 ser issir fil-Lukanda Dolmen. Ġie deċiż li jekk jattendi s-Sindku ta' Scilla, għandu jsirlu *booking* fil-Lukanda Dolmen stess.

*5.27 Clifford Vella – Ktieb 'Ta' Kola Windmill'*

Il-Kunsill approva li jixtri kopja tal-ktieb 'Ta' Kola Windmill' għall-librerija tal-Kunsill.

*5.28 Sur Christian Debattista – Qsari fi Sqaq il-Kubrit*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Debattista fejn talab permess sabiex ipoġġi qsari f'parti ta' Sqaq il-Kubrit viċin ir-residenza tiegħu, liema qsari ma jkunux ta' ostaklu għall-vetturi jew persuni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-qsari kbar jitpoġġew fir-rokna viċin il-parapett tar-residenza tiegħu.

*5.29 Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – Proġett INTACT*

Il-Kunsilli Lokali ġew misiedna jinnominaw żagħżugħ/a bejn it-18 u l-25 biex tidħol fi polza biex minnha jingħażlu tlett żgħażagħ minn Malta w Għawdex sabiex jipparteċipaw fi Skola Sajf ġewwa l-Belġju.

*5.30 Greenpak Ltd – Ġbir ta' skart separat*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ġbir ta' skart separat fil-Ħamrun issa ser ikun nhar ta' Tlieta plastik u metal u nhar ta' Ħamis karta u kartun. Ġie spjegat li huwa mportanti li l-ħwienet

jipparteċipaw f'din il-kampanja sabiex tkun suċċess. Ir-residenti u l-ħwienet huma mħeġġa biex ma jarmux kartun u karti al-iskart imħallat.

*5.31 L-Onor. Dr. Stefan Buontempo – Żjara l-Proġett tal-Kunsill*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Onor. Dr.Stefan Buontempo kien kiteb lill-Kunsill fejn wera x-xewqa li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju fit-3.30pm jiġi jżur l-proġett fis-sit fejn qabel kien hemm is-suq.

Dr.P. Mifsud Bonnici spjegat bir-rispett kollu lejn l-Onor. Dr. Stefan Buontempo, li hija ma kinitx taqbel li ssir din iż-żjara bil-media meta l-proġett kien għadu mhux lest. Is-Sindku spjega li f'dan il-każ m'għandha titħalla ssir ebda żjara tal-proġett minn ħadd qabel ix-xogħolijiet ikunu lesti.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' rappreżentant tal-Ħamrun Liberty S.C. rigward l-armar tal-festa. Huma talbu biex fi Triq il-Kbira San Ġużepp mill-Pjazza San Pawl lejn il-Blata l-Bajda, jitħallew jarmaw biss tal-qubbajt u tal-ġugarelli. Ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Supretendent sabiex jiġi suġġerit li l-*Mobile Kiosks* jitħallew jarmaw fi Triq il-Ferrovija u Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Ħamrun Spartans FC Youth Nursery. Ir-rappreżentanti tan-Nursery intalbu jresqu l-proposti tagħhom bil-miktub. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tan-Nursery. Ġie deċiż li l-Kunsill iħallas biex titwaħħal *banner* permanenti fil-ground filwaqt li kien lest li sa massimu ta' darba fix-xahar jorganizza ħarġa kulturali/ edukattiva għat-tfal li jattendu n-nursery. Il-Kunsill approva wkoll li jħallas għat-tokens b'valur ta' €300.00 għat-Tony Bajada Tournament li jiġi organizzat kull sena bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħamrun.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' uffiċċjal tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni rigward l-Attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju' li hija proposta ssir il-Ħadd 29 ta' Mejju 2011. l-attivita' hija stmata li tiswa €4,630.00. Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa biex din l-attivita tkun inkluża fil-programm ta' attiviatijiet għall-Jum il-Ħamrun.

  Il-Kunsill iddeċieda li għal din l-attivita' li ser issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħamrun, l-istess Kunsill jiffinanzja l-istampar u tqassim ta' materjal promozzjonali stmat €500.00, is-servizz ta' Gwardjani Lokali stmat €200.00 u l-provista ta' *mobile toilets* stmati €200.00. Sadanittant il-Kunsill issuġġerixxa li l-Għaqda tivverifka mal-Pulizija jekk kienux lesti joħorġu permessi għall-attivita' pubblika l-għada tar-*referendum,* iġifieri l-Ħadd 29 ta' Mejju 2011.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir konferenza tal-ECAD ġewwa l-Bulgaria. Huwa spjega li ser jattendi laqgħa fil-Kunsill Lokali Pembroke biex jara f'hix tikkonsisti din il-konferenza.

*6.2 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li l-PPCD estendit il-proġett ESF tal-Kunsill għal-sitt xhur. Huwa spjega li sa issa kien hemm sbatax-il persuna interessati jattendu l-korsijiet u li għada hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa fl-uffiċċju tal-PPCD sabiex jiġi finalizzat l-applikazzjoni sabiex isir l-iffirmar tal-*Grant Agreement*.

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-MEUSAC sabiex jagħmel preżentazzjoni dwar il-Proġett ESF waqt *seminar* tal-MEUSAC. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jagħmel din il-preżentazzjoni għan-nom tal-Kunsill.

*6.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera biex jipprovdu l-artiklu tagħhom għall-fuljett tal-Kunsill li ser jiġi ppublikat f'April 2011.

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera li s-Sibt 26 ta' Marzu 2011 ser issir taħdita oħra edukattiva rigward in-nutrizzjoni.

## 7. Jum il-Ħamrun

- Il-Kunsill innota li l-parking mhux ser ikun lest għal-Jum il-Ħamrun u għalhekk mhux ser isir l-inawgurazzjoni tiegħu.

- Il-Quddies ta' Jum il-Ħamrun ta' din is-sena ser issir fil-Knisja ta' San Franġisk.

- Il-Kunsill iddeċieda unanimament li 'Ġieħ il-Ħamrun' ta' din is-sena jingħata lill-Josephine Zammit Cordina bħala rikonoxximent tal-ħidma tagħha fil-qasam artistiku u kulturali.

- Ġie ssuġġerit li jiġi involut il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fil-preparamenti tal-attivitajiet għall-Jum il-Ħamrun.

## 8. Approvazzjoni tal-Business Plan 2011- 2013

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Business Plan* għall-perjodu 2011 sa 2013. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament il-Business Plan.

## 9. Għażla ta' offerti – Supply and Installation of Passanger Lift at Council Administrative Office

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li meta nfetħu l-kaxxi tal-offerti nstabu żewġ offerti.

Kopji tad-dokumenti sottomessi ġew mgħoddija lill-Engineer Vella għall-evalwazzjoni.

## 10. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*10.1 Għażla ta' offerta – Services of Cleaning and Maintenance of Soft Areas and Public Gardens*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nfetħet il-kaxxa tal-offerti nstabu żewġ tenders. Dawn kienu tal-Environmental Landscapes Consortium Ltd - €16,300.00 u ta' Ricky Caruana - €20,000.00.

Is-Sur C. Valletta staqsa jekk jistax jiġi mpjegat persuna mal-Kunsill biex jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku spjega li minbarra x-xogħol manwali kien jeħtieġ makkinarju bħal *Tower-ladde*r għaż-żbir, *Bowser* għat-tisqija kif ukoll provista ta' fjuri staġjonali.

Wara li saret diskussjoni, l-Kunsill approva unanimament li tingħażel l-offerta tal-kumpanija Environmental Landscape Consortium Ltd peress li kienet l-orħos offerta u din il-kumpanija diġa kienet qed tipprovdi servizz sodisfaċenti lill-Kunsill.

*10.2 Xiri ta' vettura għall-Kunsill*

Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ tender għax-xiri ta' van mikxuf għal-użu tal-Kunsill.

## 12. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-17 ta' Marzu 2011. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 13. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

______________________

DATA